**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ NAZZJONALI U L-INFURZAR TAL-LIĠI**

**POST TA' ASSISTANCE AND RESCUE OFFICER FID-DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI FIL-MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ NAZZJONALI U L-INFURZAR TAL-LIĠI**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Is-Segretarju Permanenti Ministeru tal-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistance and Rescue Officer fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi.

**Termini u Kundizzjonijiet**

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sentejn (2).

2.2 Is-salarju ta' Assistance and Rescue Officer huwa ta' Skala ta' Salarju 14, li fis-sena 2022 huwa ta' €16,865 fis-sena, li jiżdied b'€316.83 fis-sena sa massimu ta' €18,766.

2.3 Persuna fil-grad ta' Assistance and Rescue Officer titla' fi Skala ta' Salarju 13 (€18,074 x €335.50 - €20,087) wara ħames (5) snin servizz fil-grad, u titla' fi Skala ta' Salarju 12 wara tliet (3) snin servizz fi Skala ta' Salarju 13. Assistance and Rescue Officer fi Skala ta' Salarju 12 jitla' bħala Assistance and Rescue Officer fi Skala ta' Salarju 11 wara erba' (4) snin servizz fil-grad ta' Assistance and Rescue Officer fi Skala ta' Salarju 12, jekk ikun qeda dmiru b'mod sodisfaċenti.

2.4 Minħabba n-natura tax-xogħol, il-post ta' Assistance and Rescue Officer tattira wkoll *allowances* kif speċifikat fil-Ftehim Settorjali intitolat '*Sectoral Agreement regulating the Conditions of Service for Officers serving within the Civil Protection Department Force*'.

2.5 Matul iż-żmien li l-kandidati jkunu jattendu l-kors ta' Taħriġ bħala Trainee Assistance and Rescue Officers, jitħallsu l-paga bażika Skala 18 (li hija ta' €12,657) sakemm jieħdu l-ġurament tal-ħatra bħala Assistance and Rescue Officer bi Prova.

2.6 Assistance and Rescue Officers ikunu bil-kundizzjoni għal-ġimgħa ta' xogħol ta' erbgħin (40) siegħa fuq *shift basis* ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa fuq sebat (7) ijiem (mit-Tnejn sal-Ħadd), jew *roster* ieħor kif magħżul mid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Sigħat maħdumin aktar minn erbgħin (40) siegħa jitħallsu b'rati ta' *overtime* kif stipulat fil-Ftehim Settorjali, sakemm ma jkunx jista' jingħata *time-off-in-lieu*.

2.7 Applikazzjonijiet laterali fl-istess grad minn uffiċjali pubbliċi mhumiex aċċettabbli.

2.8 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwalunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkununx applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistance and Rescue Officer jinsabu fl-Anness A mehmuż ma' din iċ-

Ċirkolari.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilta'**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu

i.
   a. ċittadini ta' Malta; **jew**
   b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**
   d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**
   e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; **jew**
   f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

**Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunita` Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identita` Malta** skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. għalqu tmintax (18)-il sena sal-aħħar ta' April 2022 u ma jkunux għalqu id-disgħa u tletin (39) sena sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Kwalunkwe membru tal-Korp tal-Voluntiera tal-Protezzjoni Ċivili li għandu iktar minn disgħa u tletin (39) sena xorta jista' jkun eliġibbli għall-ħatra bħala uffiċjal fil-Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ jekk ikun ilu attiv fil-Korp għal mill-inqas sentejn (2).
iii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;
iv. fil-pussess ta' pass (mill-inqas fi Grad 5 jw C jew f'livell kumparabbli) f'livell MQF 3 f'żewġ suġġetti;
v. ikunu medikament b'saħħithom f'kull rispett, kemm fiżikament kif ukoll mentalment biex ikunu jistgħu jaqdu d-doveri kollha ta' assistenza u salvataġġ;
vi. ikunu kapaċi jgħumu
vii. applikazzjonijiet minn kandidati li jkollhom fuq il-persuna tagħhom tatwaġġi u/jew *body piercing* u/jew modifikazzjonijiet oħrajn jiġu kkunsidrati skont il-każ suġġett li tali tatwaġġi/*body piercing* ikunu koperti meta jintlibes l-uniformi, u suġġetti li l-kontenut tal-istess tatwaġġi mhumiex offensivi, razzjali, eċċ.;
viii. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni sal-aħħar ta' Awwissu 2022.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3. Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta'

deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta’ dak ta’ grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta’ dik tal-ħatra ta’ Officer in Scale.

Is-snin ta’ servizz mid-data ta’ meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta’ servizz mitluba fis-sejħa t’applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t’eliġibbilta’ għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t’applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-Klassi/Stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta’ servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta’ ‘servizz fil-grad’ kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta’ eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f’termini ta’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti għandhom ikunu ta’ kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta’ applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta’ Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f’dan il-grad, skont 4.1 - 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippublikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew l-HR Unit tal-mininteru / dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppublikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.8 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta’ dikjarazzjoni ta’ rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar ‘l isfel).

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b’ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

6 L-EWWEL PARTI - TEST MEDIKU PRELIMINARI/EFFIĊJENZA FIŻIKA

6.1 Eżami Mediku Preliminari;

6.2 L-applikanti se jkunu soġġetti għal test tal-Effiċjenza Fiżika, li għandu jsir taħt Bord tal-Għażla maħtur mid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skont l-*istandards* tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

Il-livell minimu tat-Test tal-Effiċjenza hu magħmul minn dawn it-tliet partijiet:

| | Irġiel | Nisa |
|---|---|---|
| **Ġirja ta' Mil** | 10 minuti | 12-il minuta |
| *Push-ups* (Repetittivi) | 15 | 10 |
| *Sit-ups* (Repetittivi) | 25 | 20 |

6.3 Il-kandidati jridu mill-anqas jilħqu l-istandard minimu f'kull parti tat-test fl-Effiċjenza Fiżika, biex jitqiesu li għaddew mit-test fl-Effiċjenza Fiżika. Il-kandidati li ma jgħaddux f'xi wieħed mill-partijiet tat-test fl-Effiċjenza Fiżika, jkunu jistgħu joqogħdu għal *re-sit* ta' dak it-test partikulari, fi żmien ġimagħtejn wara li jkun sar l-ewwel test komplut.

6.4 Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-test fl-Effiċjenza Fiżika li jitħallew ikomplu l-proċess li jmiss.

6.5 Il-kandidati li jilħqu dan il-livell jiġu ġġudikati fuq jekk jibżgħux mill-għoli, jekk jibżgħux mid-dlam u jekk jibżgħux minn spazji ristretti. Il-kandidati li ma jgħaddux minn dan it-test jitqiesu bħala li mhumiex adattati għal dan ix-xogħol.

6.6 Il-kandidati li jgħaddu mit-test mediku preliminari u fiżiku mbagħad jipproċedu għall-Intervista Selettiva.

**7. IT-TIENI PARTI - INTERVISTA SELETTIVA**

Intiża biex ikunu magħrufa dawk il-kwalitajiet personali tal-kandidati, bħal personalità, żveltezza, intelliġenza, komportament personali, kortesija, sens komun u oħrajn meħtieġa minn Assistance and Rescue Officer kif ukoll għarfien dwar id-Dmirijiet tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u l-funzjonijiet/dmirijiet tiegħu.

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 1000 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 600.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafi 4.1 - 4.8, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

7.3 Huma biss il-kandidati li jkunu għaddew b'suċċess mill-Intervista Selettiva li jistgħu jkunu suġġetti li jagħmlu l-eżami mediku. Ir-riżultat tal-Intervista Selettiva jkun ikkunsidrat bħala l-ordni ta' mertu finali, li jibqa' jgħodd sa sentejn (2) min-notifika tar-riżultat.

**8. EZAMI MEDIKU**

Il-kandidati li jgħaddu mill-intervista selettiva jiġu msejjħa għall-eżami mediku komplut skont l-ordni tal-mertu u skont il-postijiet vakanti. Il-kandidati li ma jgħaddux minn xi parti mill-eżami mediku ma jitħallewx jipproċedu 'l quddiem u jibdew il-Kors ta' Taħriġ.

**9. KORS TA' TAĦRIĠ**

Persuni magħżula skont paragrafi 6 - 8 hawn fuq, skont l-ordni tal-mertu miksub u skont id-disponibbiltà tal-vakanzi, ikunu meħtieġa li jagħmlu kors ta' taħriġ *full-time* ta' għoxrin (20) ġimgħa li jinkludi eżamijiet - inkluż erba' (4) ġimgħat ta' xogħol.

Matul il-kors ta' taħriġ il-persuni magħżula jissejjħu bħala *Trainee Assistance and Rescue Officers* (Skala ta' Salarju 18 - €12,657). Trainee Assistance and Rescue Officers ma jkunux intitolati għall-ebda 'vacation leave' matul il-perjodu ta' taħriġ tagħhom u jkunu suġġetti għad-dixxiplina.

Trainee Assistance and Rescue Officers li jkunu daħlu għall-kors ta' taħriġ, ikunu intitolati għall-uniformijiet bla ħlas. Huma għandhom iwettqu d-dmirijiet prattiċi, taħt superviżjoni, li jinkludu xogħol bil-lejl u/jew xogħol manwali, kif meħtieġ.

Il-kors ta' taħriġ jinkludi:

a) lezzjonijiet dwar tifi tan-nar biex it-Trainee jitgħallem il-livell meħtieġ biex jaħdem mad-Dipartiment tal-Protezzjoni ĊIvili;

b) lezzjonijiet fuq *team building* ibbażati fuq sitwazzjonijiet reali. It-Trainee Assistance and Rescue Officers iridu juru kompetenza fit-tifi tan-nar u salvataġġ u taħriġ speċjalizzat ieħor, bħal materjal perikoluż, aċċess bil-ħbula, inċidenti fuq il-baħar u dawk industrijali u inċidenti oħra;

c) erba' (4) ġimgħat ta' xogħol matul il-perjodu ta' taħriġ, fit-taqsimiet kollha tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

Matul i-korst ta' taħriġ komprensiv, it-Trainee Assistance and Rescue Officer se jkun meħtieġ li jsegwi korsijiet ta' studju u joqgħod għall-eżamijiet u assessjar ieħor kif inku indikat fil-kors ta' taħriġ, skont ir-regolamenti tal-kors. Rekluti li ripetutament jonqsu milli jilħqu l-istandards meħtieġa, jista' jkollhom it-taħriġ tagħhom terminat fi kwalunkwe ħin.

Id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jista' jtemm fi kwalunkwe' ħin il-kors ta' taħriġ ta' Trainee Assistance and Rescue Officer jekk dan juri nuqqas ta' mġieba korretta, attitudni ħażina jew fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

Il-kors komprensiv imsemmi hawn fuq se jsir fl-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati j/jew kwalunkwe istituzzjoni oħra ta' taħriġ kif meħtieġ.

Persuni li jtemmu b'suċċess it-taħriġ, jingħatalhom ċertifikat ta' kompetenza.

Dawk li jonqsu milli jilħqu l-livell meħtieġ, ma jiġux maħtura Assistance and Rescue Officers u jkollhom ir-reklutaġġ tagħhom mitmum.

Persuna li temmet il-kors b'suċċess, Trainee Assistance and Rescue Officer se tiġi appuntata Assistance and Rescue Officer fi Skala ta' Salarju 14 kif speċifikat fil-ftehim Settorjali *Sectoral Agreement regulating the Conditions of Service for Officers serving within the Civil Protection Department Force*'.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

10.1 L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi permezz tal-Online Government Recruitment Portal **biss** fuq https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **17:15 (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Tnejn, 14 ta' Frar, 2022**. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provvedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

10.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

10.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

10.4 Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

11. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf jew jinkisbu mill-Uffiċju tar-Riżorsi Umani tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, Kwartieri Ġenerali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, Mqabba Road, Ta' Kandja limiti tas-Siġġiewi . Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment Direttorat huma www.civilprotection.gov.mt u civilprotection@gov.mt.